Minuti tal-54 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's
li saret nhar il-Ħamis, 15 ta' Mejju, 2014.

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba.

Iċ-*Chairperson*, is-Sinjura Maria Elena Debattista ppresediet il-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews u l-Membri s-Sur Luciano Farrugia u Mario Bartolo.

Is-Sur Simon Vella kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*, il-Kumitat Amministrattiv approva unanimament il-minuti tat-53 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Ma kienx hemm mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti.

Item 4 – Korrispondenza

Dwar l-attività mużikali li ser issir mis-Soċietà Filarmonica Maria Mater Gratiæ nhar is-Sibt, 17 ta' Mejju, 2014, is-Sur Farrugia qal li l-istedina tas-Soċjetà kellha tiġi estiża wkoll għall-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv.

Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat illi s-Sur Simon Vella naqas milli jattendi għal erba' laqgħat konsekuttivi tal-Kumitat li saru bejn it-22 ta' Jannar, 2014 u s-16 t'April, 2014 u għaldaqstant il-Kumitat irid jiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' attendenza tas-Sur Vella hix skużabbli jew jekk il-post tas-Sur Vella għandux jiġi dikjarat vakanti. Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat qabel unanimament illi l-assenza tas-Sur Vella kienet skużabbli u għaldaqstant għandu jintalab li l-post tas-Sur Vella m'għandux jiġi dikjarat vakanti.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Jannar – Marzu 2014. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

Item 5 – Xogħol tal-Kunsill

Is-Sur Bartolo tkellem dwar ix-xogħol li sar fuq il-bankina fi Triq San Leonardu u ppropona li li l-Kumitat Amministrattiv jitlob li bl-għajnuna tal-ħaddiema tal-Kunsill titkompla l-parti tal-bankina ta' quddiem id-dar biex din tiġi tkompli mal-bankina li għada kif saret. Iċ-*Chairperson* issekondat lis-Sur Bartolo u l-Kunsill qabel unanimament li jintalab li jsir dan ix-xogħol.

Is-Sur Bartolo qal li jiddispjaċih għall-fatt illi ż-żewġ ħaddiema mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li kienu qed jagħmlu din il-bankina tneħħew u dan mingħajr ma kien infurmat minn qabel il-Kumitat Amministrattiv.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sinjura Debattista talbet li jinqata' l-ħaxix minn Triq l-Għakrux.

Is-Sur Bartolo rrefera għax-xogħol li qed isir fi Triq Dun Salv Sciberras u talab li tkompli ssir pressjoni ma' Transport Malta biex it-triq issir kollha u mhux biss parti minnha.

Is-Sur Farrugia qal li jittama li l-entratura għal Triq l-Għakrux tingħata wkoll it-tarmak flimkien mal-parti ta' Triq ix-Xgħajra.

Is-Sur Farrugia ssuġġerixxa wkoll li l-Kumitat jitlob li tiġi spustjata t-*traffic island* li hemm f'nofs tat-triq fid-daħla ta' Triq l-Għakrux.

Iċ-*Chairperson* semmiet il-ħtieġa li l-*parking bays* f'din il-parti ta' Triq l-Għakrux jsiru fuq naħa waħda tat-triq.

Is-Sur Luciano Farrugia qal li fi Triq il-Farfett tal-Fejġel għal Triq l-Għakrux hemm sinjali tat-traffiku li jridu jitneħħew peress li dawn saru ħażin. Is-Sur Farrugia qal ukoll li qed jiġu pparkjati vetturi fil-kantuniera.

Iċ-*Chairperson* qalet li fil-kantuniera ta' Triq il-Farfett tal-Fejġel ukoll kienu qed jiġu pparkjati l-vetturi u dan ħafna drabi kien joħloq periklu għal sewwieqa oħra.

Is-Sur Clews semma l-ħtieġa li jsiru l-linji fin-nofs ta' Triq l-Għakrux peress illi din it-triq hija *two way*.

Is-Sur Bartolo ppropona li l-Kumitat jitlob lil Transport Malta sabiex tiġi asfaltata t-trejqa li hemm minn Triq ix-Xgħajra twassal għal Triq l-Għakrux. Is-Sur Farrugia ssekonda l-proposta tas-Sur Bartolo u kulħadd qabel li ssir din it-talba.

Iċ-*Chairperson* tkellmet dwar ix-xogħol li qed isir fi Triq Patri Feliċjan Grech u saħħqet dwar l-importanza li din it-triq issir bl-aħjar mod biex tiġi solvuta l-problema ta' fejn ser imur l-ilma tax-xita li jinżel fit-triq.

Is-Sur Bartolo tkellem dwar l-iskips li hemm fi Triq San Leonardu u ppropona li l-Kumitat Amministratti jistaqsi lill-kumpanija GreenPak ir-raġuni għalfejn dawn l-iskips tressqu mingħajr ma saret konsultazzjoni mal-Kumitat Amministrattiv u jistaqsi wkoll dwar ir-raġuni għalfejn dawn ir-reċipjenti tal-*bring-in-sites* ġew imressqa.

Is-Sur Bartolo qal ukoll li l-Kumitat għandu jitfa' r-responsabilità ta' kwalunkwe inċident li jista' jiġri riżultat tal-fatt illi dawn ir-reċipjenti tressqu f'post li qed joħloq periklu speċjalment għas-sewwieqa. Is-Sur Farrugia ssekonda l-proposta tas-Sur Bartolo u l-Kumitat qabel unanimament li tintbgħat ittra uffiċjali lill-kumpanija GreenPak.

Is-Sur Bartolo tkellem dwar il-problema ta' ilma tax-xita li qed jidħol f'residenza fi Triq Ġdida fi Triq San Leonardu u talab li ssir spezzjoni fuq il-post mill-Perit William Lewis biex tinstab soluzzjoni għall-problema li għandhom ir-residenti tat-triq.

Is-Sur Farrugia tkellem dwar xogħol ta' marki taż-żebgħa li saru fi Triq il-Berebies ma' Triq l-Għakrux u talab li s-sinjal ta' stop li nżebaħ mill-ġdid minn xi ħaddiema tal-IPSL jitneħħa peress illi sar ħażin. Is-Sur Farrugia qal ukoll li tabella li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel trid titneħħa peress illi t-triq saret one way.

Fl-aħħarnett is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja liċ-*Chairperson* u lill-membri kollha tal-Kumitat għall-ħidma li huma wettqu matul il-leġislatura tagħhom li ser tiġi fi tmiemha fil-ġimgħat li ġejjin. Iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Kumitat irringrazzjaw lil xulxin għall-ħidma li wettqu flimkien għall-ġid tar-residenti u tal-lokalità.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-55 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 5 ta' Ġunju, 2014.

Maria Elena Debattista
*Chairperson*